3772

## RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETA'

**IS- SEGRETARJU PARLAMENTARI GHALL-IPPJANAR U SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA** tipproponi illi l-Kamra tapprova din ir-Riżoluzzjoni:

Illi fl-2014 ġiet maħluqa *The International Institute for Justice and the Rule of Law Foundation* bħala fondazzjoni bla-profit li tippromwovi t-tagħlim internazzjonali fejn it-tnax –il pajjiż fundatur tal-istess intrabbtu li jagħtu sapport ta' natura finanzjarja, kif ukoll ta' natura materjali fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta intrabat bħala Gvern ta' pajjiż fundatur li jipprovdi lok minn fejn l-fondazzjoni tista' topera u taqdi l-funzjonijiet tagħha;

U billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti b'titolu ta' kera lill-*International Institute for Justice and the Rule of Law Foundation* proprjeta' fil-Birgu, kif inhi deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien ta' ħmistax (15) –il sena, liema terminu jiġi mġedded għal żewġ termini oħra ta' ħmistax (15) –il sena kull wieħed taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond Rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi isir skont Riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-propjeta fil-Birgu kif deskritta aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tigi mogħtija b'titolu ta' kera lill-*International Institute for Justice and the Rule of Law Foundation*, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**IS- SEGRETARJU PARLAMENTARI GHALL-IPPJANAR U SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA**